MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 290/2011

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi zzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tal-elf disa' mija u disgha u hamsin (1959) (ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat (4) itfal illum kollha maggorenni ;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'sentenza tal-Onor Imhallef Franco Depasquale tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tal-elf disa` mija u sebgha u disghin (1997) (Ara Dok. B anness) ;

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mill-elf disgha mija u tnejn u sebghin (1972) mifrudin de facto u erbatax-il sena (14) mifrudin legalment, illum ghandhom

hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohrajn/familji godda ;
4. Illi mhemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante li l-ulied huma llum kollha maggorenni u ‘l fuq minn tliet u ghoxrin (23) sena u l-partijiet mhumiex obbligati jmantnu lil xulxin ;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksieb tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Ottubru, 2011;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-26 ta’ Frar 1997 u m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ipprova illi m’hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-

partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------